MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 798/2010

GasanMamo Insurance Ltd noe et
Vs
Anthony Bonanno et

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Gunju, 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jigu kkundannati in solidum u bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf, erba mija u erbgha u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,494.25) liema somma tinkludi tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) mhallsa bhala '*Excess*' mill-assikurata tas-socjeta' attrici, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi in segwitu ta' incident illi sehh fis-17 ta' Jannar, 2007 fi Triq il-Hemel, Swieqi, meta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCF 028 misjuqa minn u proprjeta ta' l-attrici Romina Cusens, garrbet hsarat minhabba gebel u/jew materjal ta' kostruzzjoni li thalla mill-konvenuti, jew min minnhom fit-triq indikata u dana b'periklu u sogru ghall-utenti tat-triq, u b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti taghhom.

Interpellati sabiex ihallsu permezz ta’ ittra ufficjali datata 31 ta’ Lulju, 2008 il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu istitwitil-proceduri odjerni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-31 ta’ Lulju, 2008 u bl-imghaxijiet mill-31 ta’ Lulju, 2008 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Illi b’risposta pprezentata fit-18 ta’ Novembru, 2010 il-konvenuti ecceppew illi mhumiex responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mill-assigurata tas-socjeta’ assigurattrici rikorrenti u kwindi t-talbiet tas-socjeta’ assiguratrici rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stane illi huma kompelatament infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-oneru illi jigu ppruvati tali danni fl-ammont reklamat jinkombi unikament fuq is-socjeta rikorrenti in omagg tal-principju onus probani incumbit ei qui dicit non ei qui negat.

Illi f’kull kaz, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, japplika wkoll il-principju illi l-parti danneggata hija fl-obbligu li timminimizza l-quantum tad-danni minnha sofferti.

Xehed Ryan Tonna PC 773 li esebixxa r-rapport tal-pulizija dwar l-incident pero ma kien involut bl-ebda mod ma dan il-kaz in kwistjoni.

Xehdet ukoll Romina Cusens li hija sid il-vettura LCF 028 tal-marka Fiat Punto u li hija assikurata *fully comprehensive* ma’ GasanMamo Insurance. Hija qalet illi fis-17 ta’ Jannar kienet ghaddejja fi Triq il-Hemel Swieqi fejn jipparkjar fuq iz-zewg naha u hija wkoll triq fejn hemm zewg karreggati. Fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm *scaffolding* f’nofs it-triq u ghalhekk ma setghux jghaddu zewg karrozzi. Kif kienet ghaddejja hi kienet gejja karrozza ohra min-naha opposta u biex il-karrozza l-ohra tkun tista tghaddi x-xhud rat spazju bejn il-karrozzi pparkjati u biex tidhol ftit il-gewwa dahlet f’dan l-ispazju. Pero gara illi f’dan l-ispazju kien hemm kantun ma’ l-art. Hi laqtet il-karrozza ma’ dan il-kantun u kellha l-hsara. Dan il-kantun kien faccata tal-iskafolding, il-kantun kien fit-triq u ma’ kellu l-ebda sinjal biex juri li kien hemm ostaklu. Wara li x-xhud rat iz-zejt hiereg mill-karrozza taghha hi cemplet lir-ragel taghha. Meta dan wasal kellem lil wiehed mill-haddiema li kien hemm fuq il-post tax-xoghol. Dan il-

haddiem kien qal lir-ragel tax-xhud li d-danni ma kienux kbar u setghu jirrangaw. Ix-xhud taf illi minn din id-diskursata taf li stabbilew illi dak il-kantun kien tqieghed hemm mill-haddiema u kien taghhom.  Ma tiftakarx jekk tawhomx raguni ghaliex dan il-kantun kien tpogga hemm. Dan il-haddiem kien taghna n-numru tieghu u qalilna biex nikkwantifikaw id-danni u ncemplulu. Meta pero cemplulu qalilhom li kellu jkellem lill-*foreman* tieghu. Meta ma kienux irrangaw hekk ix-xhud tghid illi marru ghand l-*insurance* li hallset id-danni li soffrew u huma hallsu l-*excess*.
Fix-xhieda taghha l-attrici tichad illi wara li ntrama l-*iskafolding* kien thalla spazju ta’ zewg karrozzi f’direzzjoni opposti. It-triq djiqet ghal-karrozza wahda.
Xehed Simon Mark Cusens li jigi r-ragel ta’ l-attrici u qal illi meta mar fuq il-post kien kellem lil certu wiehed Anthony Bonanno li kien jirraprezenta l-kuntrattur li kien qed jibni fuq il-post fejn sehh l-incident. Dil-persuna kienet l-istess wahda li tghathom il-*business card* peress illi x-xhud talab li jkellem lill-*foreman* u pprezenta ruhu dan Anthony Bonanno. Dan ix-xhud spjega lil Anthony Bonanno li kien hemm *brick* tal-*konkrit* mitfugha fit-triq biex tirrizerva l-post halli jkunu jistghu jibnu. Jghid illi Anthony Bonanno ma kkonfermalux illi l-kantun tpogga mill-kumpanija pero l-kliem tieghu kien ‘ejja ha nirangaw’. Ix-xhud spjega lil Anthony Bonanno li min ikun qed jibni huwa responsabbli li ma jhallix periklu fl-akkwati u dan Anthony Bonanno hadu tajjeb hafna tant illi tah l-impressjoni li kienu ser jirrangaw. Filfatt dan Anthony Bonanno talab lix-xhud sabiex jara x’kienu l-ispejjez u jibghathomlu. Pero malli ra l-ispejjez dan ha qatgha ghax kienu jghidulu li ser icemplulu u ma jcemplu qatt. Wara ftit kien cempillu certu Dennis Borg ghan-nom ta’ Santa Katerina Ltd u hadu b’mod aggressive hafna fuq it-telefon ghax qallu li l-incident ma garax tort tieghu imma tort tal-mara ta’ Simon meta dahlet fuq il-kantun. Meta l-kumpanija Santa Katerina ma hallset xejn Simon u Romina Cusens marru ghand l-*insurance* taghhom.
Simon Cusens fix-xhieda tal-21 ta’ Jannar, 2013 jghid illi man-naha opposta ta’ fejn habtet il-mara tieghu u cioe man-naha tat-triq ta’ fejn kienet qed tahem il-kumpanija konvenuta kien hemm izjed knatan jokkupaw l-ispazji.

Xehed ukoll Colin Cassar li huwa s-*surveyor* imqabbad minn GasanMamo sabiex jaghmel is-*survey*. Dan ix-xhud ikkonferma s-*survey* imhejji minnu u kkonferma illi r-ricevuti annessi mas-*survey report* huma kompatibli ma dak li hemm fis-*survey*.
Xehed Kenneth Borg li huwa diretttur tal-kumpanija Santa Katerina Construction Ltd li sal-2008 kien bi shab ma' Anthony Bonanno li kien ukoll direttur. Ix-xhud jghid illi kienu qed jghamlu xoghol ta' kostruzzjoni fi Triq il-Hemel Swieqi. Bhal ma jaghmlu normalment madwar it-*tower crane* sar hajt tal-*bricks* li kellu anki l-*ispray* mieghu halli jidher bil-lejl. Jghid illi mit-triq setghu jghaddu karrozzi fiz-zewg direzzjonijiet u dan peress illi kull ma hadu mit-triq kien metru jew metru u nofs. Il-kantun li habtet mieghu l-attrici kien in-naha l-ohra tat-triq faccata ta' fejn kienu qed jahdmu. Ix-xhud jghid illi din il-*brick* setghet tpoggiet hemm minn nies ohra mhux mill-haddiema tieghu peress illi huma ma kellhomx ghalfejn titpogga *brick*. Ikompli biex jghid illi meta tkellem ma Anthony Bonanno u mal-haddiema kkonfermawlu li ma kienux huma li poggew il-*brick*.
Xehed Anthony Bonanno li kien direttur tal-kumpanija Santa Katerina Construction Ltd flimkien ma' Kenneth Borg. Jghid illi fuq dan il-lant tax-xoghol kien hu li qed jiehu hsieb. Hu kkonferma li fuq il-post tax-xoghol setghu jghaddu zewg karrozzi f'direzzjoni opposta peress illi huma kull ma hadu mit-triq kien metru jew metru u nofs. Jghid illi fejn habtet l-attrici huma ma kellhomx x'jaqsmu. Ix-xhud qal illi l-kantun la rah jitpogga u lanqas jaf min poggieh hemm li jaf hu li min-naha taghhom ma kellhomx ghalfejn ipoggu kantun f'dik il-posizzjoni. Jiftakar illi dak inhar tal-incident kienet kellmitu sinjura jew xi hadd maghha pero ma jiftakarx x'intqal. Jghid illi l-kumpanija ma ghandhiex responsabbilta ghal dan il-kantun.
Meta rega xehed fit-8 ta' Novembru, 2012 ix-xhud ftakar illi kien kellem lill-attrici u r-ragel taghha. Jghid pero li kien kellimhom l-ghada tal-incident u kien mal-ewwel infurmahom illi l-kumpanija ma kellhiex x'taqsam mal-*brick*. Hu staqsa lil haddiema dwar il-*brick* u hadd ma kien jaf dwarha. Mistoqsi ghaliex jekk qed jghid li ma kellhom x'jaqsmu mal-*brick* pero ta' l-*business card* lir-ragel tal-attrici, x-xhud jghid illi kien tahilu peress illi Simon Cusens

baqa' jinsisti li jkollu kuntatt u cioe n-numru tal-*mobile*. Pero x-xhud ma jiftakar xejn daw il-*fax* li kellu fl-ufficju u lanqas jiftakar illi rcevew xi *fax* dwar il-hsarat. Jghid ukoll illi lil Simon Cusens kien kellmu darba wahda biss.

Is-segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Swieqi eseibixxa *document* ta' permess li nhareg fuq Kenneth Borg pero mistoqsi jghid fuq liema parti tat-triq kellhom isiru x-xogholijiet jghid illi kull ma jitnizzel l-isem tat-triq u ma titnizzilx liema parti ser isir ix-xoghol fiha. F'dan il-kaz it-triq ma nghalqitx u *warden* ma kienx hemm.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokument pprezentati jikkunsidra illi meta tkun qed isir kostruzzjoni min ikun qed jaghmel tali kostruzjoni huwa responsabbli li ma jhallix materjal li jkun qed juza fit-triq jew fuq il-bankini. Minkejja li l-oneru tal-prova li l-kantun in kwistjoni jappartjeni lill-kumpanija konvenuta jew li tpogga mill-kumpanija konvenuta, l-evidenza cirkostanzjali turi illi l-*brick* hija tal-kumpanija konvenut u thalliet fit-triq. Jekk tpoggietx apposta ghal *parking* jew le ma harigx mill-provi pero jidher illi thalliet fit-triq minnhom. Dan jixhdu l-fatt illi d-direttur stess xehed illi bnew hajt tal-*bricks* madwar it-*tower crane.* Huwa verosimili iktar li thalliet *brick* mill-kumpanija konvenuta fit-triq milli li jkun hemm persuna ohra fit-triq illi gabet *brick* u poggietu fil-*parking space.* Ma taghmilx differenza jekk il-*brick* tpoggietx fil-*parking space* mill-kumpanija konvenuta jew inkella kienu traskurati u hallewh fit-triq. Ir-responsabilta hi tal-kumpanija hi li ma thallix materjal fit-triq la fuq il-bankina fuq in-naha fejn qed tahdem u wisq fuq in-naha l-ohra tat-triq. Ix-xhieda ta' Anthony Bonanno ma kienitx wahda konsistenti ghall-ahhar ghaliex l-ewwel qal li ma jiftakarx jekk kellimhomx lill-attrici u lir-ragel taghha imbaghad wara zmien rega xehed u ftakar izjed dettalji. Bil-mod ta' kif xehed dan ix-xhud ta' l-impressjoni illi malli sehh l-incident instintivament ha responsabbilta tal-incident peress illi kien jaf li l-kantun jew *brick* kien tal-kumpanija li taghha kien Direttur per imbaghad malli ra l-kont u l-fax ta' Simon Cusens ma riedx jiehu responsabilta tad-danni. It-ton tal-ittra mibghuta permezz tal-*fax* minn Simon Cusens kellha ton ta' xi hadd li kien diga tkellem fid-dettal ma rapprezentant tal-kumpanija. Ma kinitx ittra li biha kien qed jinfurmahom li gara incident.

Mix-xhieda hareg illi t-triq djieqet avolja ma nghalqitx pero naqsilha spazju bizzejjed li zewg karrozzi ma ghaddewx komdi u kien ghalhekk illi l-attrici kellha tissikka fil-genb sabiex tghaddi l-karrozza gejja min-naha opposta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' it-talba attrici u jikkudanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu l-ammont ta' elf erba mija u erbgha u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,494.25) in kwantu tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin ewro (€58.23) ghandhom jithallsu lill-attrici Romina Cusens u l-ammont ta' elf erba mija sitta u tletin ewro u zewg centezmi (€1,436.02) lis-socjeta' GasanMamo Insurance. Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------